# Rue D'Argens

Joseph C. Sant.

Waħda mit-toroq prinċipali li taqsam il-Gżira kważi minn nofs hi Rue D'Argens. Din it-triq tibda minn fejn l-għassa ta' l-Imsida, tibqa tiela l'fuq lejn il-Gżira, tgħaddi tmiss ma' dak li darba kien il-famuz Ground tal-Futbol jismu l-Empire Stadium u tibqa' tiela 'l fuq sat-telgħa tas-Savoy fejn tispiċċa l-Gżira u tibda Tas-Sliema. Din it-triq twila li tgħaddi minn nofs il-Gżira u tibqa tiela sa tas-Sliema ġġib isimha minn kunjom ta' kavallier li kien jgħix f'Malta għall-aħħar ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri f'pajjiżna. Dal-kavallier kien jismu Fra Luc de Boyer d'Argens u t-triq hi msemmija għalih għax kellu residenza tas-sajf li għada teżisti sal-lum fil-Gżira fejn illum hemm Triq Cuschieri qrib il-telgħa tas-Savoy.

Dal-Kavallier kien nobbli Franċiż li kien imlaħħaq karigi għoljin ħafna fl-Ordni tant li fosthom kien anke l-Kmandant ta' l-Artillerija. Meta wieħed jikkonsidra l-ammont kbir ta' fortizzi u swar li l-kavallieri kienu bnew madwar Malta u Għawdex għad-difiża tagħhom, din il-kariga kienet waħda ta' responsabbilta' kbira ħafna.

L-Ordni ma kienetx tistenna rigali personali li jingħataw lill-Gran Mastru meta dan kien jilħaq dil-kariga hekk għolja, pero' kienu jkunu numru kbir mhux ħażin dawk il-kavallieri nobbli u sinjuri minn familthom li kienu jagħtu rigali favolużi lill-Gran Mastru nnifsu jew lill Ordni. Per.ez. meta ġie elett Gran Mastru Manoel de Vilhena li għalih hi msemmija t-triq ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, ingħata monument tiegħu tal-bronż minn Kavallier jismu Fra Felicienne de Savasse u dan il-monument dam żmien twil fil-Forti Manoel f'Manoel Island il-Gżira. Illum dan il-monument qiegħed fi pjazza ewlenija fil-Floriana.

Meta laħaq Gran Mastru Francisco Ximenes de Texada (1773-1775) il-Kavallier Fra Luc de Boyer d'Argens irregalah b'kanun tal-bronż ta' ġmiel liema bħalu li kien magħmul b'sengħa u artistrija tal-għaġeb. Dal-kanun ġie maħdum f'Venezja apposta għal dan il-Gran Mastru. Tant kien sabiħ u majjestuż li meta l-kbir ġeneral Franċiż Napuljun Bonaparte ġie Malta u keċċa lill-Ordni minn Malta, tant għoġbu dal-kanun li meta telaq minn Malta ħadu miegħu flimkien ma' ħafna oġġetti prezzjużi oħra lej l-Eġittu. Iżda ġara li meta Napuljun wasal Aboukir fl-Eġittu seħħet battalja navali kbira fil-baħar bejn il-flotta navali Ingliża u dawn ħatfu l-priża kollha li l-Franċiżi kienu serqu minn Malta u ħaduhom magħhom l-Ingilterra bħala priża tal-Gwerra. Fosthom ħadu wkoll dal-kanun kbir u sabiħ li kien ħallas għalih il-Kavallier d'Arġens bi flusu u tqiegħed għall-wiri bħala oġġett ta' valur kbir l-ewwel fit-Torri ta' Londra u llum jinsab fl-Armerija Nazzjonali ta' Leeds fl-Ingilterra.

Fra Luc de Boyer d'Argens kellu wkoll ħafna għall-qalbu l-Knisja ta' Santa Barbara fil-Belt Valletta. Lil din il-knisja taha bosta kalċijiet prezzjużi kif ukoll abiti liturġiċi ta' valur għoli biex jintużaw kemm fil-funzjonijiet reliġjużi kif ukoll għat-tiżjin ta' din il-knisja.

Meta l-famuz Dun Gejtanu Mannarinu li kien mexxa l-irvell tal-qassisin kontra l-Ordni tal-Kavallieri kien qiegħed Għawdex kien jorganizza purċissjonijiet li kienu ftit u xejn esaġerati fil komportament tagħhom. Per. eż. tfajliet li kienu jieħdu sehem fihom kien iġagħalhom jaħbu wiċċhom bil-maskri, jilbsu mkatar fuq rashom u jxiddu kuruni tax-xewk. Waqt il-priedki tiegħu kien jibda jsawwat lilu nnifsu fuq il-pulptu u kien jagħmel aġir ieħor bħal dan li kien esaġerat wisq. Darba minnhom il-kavallier d'Argens kien fuq xogħol Għawdex u ra dan kollu jsir u rrapurtaħ lill-Gran Mastru u lill Awtoritajiet Ekklessjastiċi. L-Isqof Pellerano ordna lil Dun Gaetano Mannarinu jinġieb Malta quddiemu u ssospendieħ milli jkompli jippriedka u jagħmel aktar ċerimonji reliġjużi bħal dawn. Tistgħu taħsbu x'animosita' kibret bejn Dun Gaetano u l-kavallier d'Argens.

Jiġifieri kif qegħdin taraw dan il-kavallier Fra Luc de Boyer d'Argens li għalih msemmija Rue d'Argens kien wieħed mill-kavallieri prominenti u protagonisti sew fl-Ordni fi żmienu u kien involut ħafna fit-tmexxija ta' pajjiżna qabel ġew il-franċiżi f'Malta.

F''li spazju limitat li għandna ma nistgħux inkomplu niżvolġu aktar kemm fuq dan in-nobbli kavallier u l-anqas fuq it-triq innifisha li ġġib ismu li hemm wisq xi tgħid fuqha. Anke fuq ir-residenza tas-sajf li kellu fil-Gżira, li dan l-aħħar kelli x-xorti nidħol fiha wkoll, hemm ħafna xi tgħid fuqha. Ta' min jgħid ukoll li barra li hi triq prinċipali fil-Gżira, Rue d'Argens hi waħda mill-ftit jekk mhux l-unika b'isem franċiż f'Malta. Nisperaw li 'l quddiem inkunu nistgħu nkomplu ntukom aktar tagħrif interessanti u storiku dwar dan il-bniedem.

*(Tagħrif miġbur mill-Bibjoteka Nazzjonali ta' Malta mill-ktieb "Histories of Malta" miktub minn Giovanni Bonello u minn "Bliet u Rħula Maltin" ta' Alfie Guillaimer.)*


**THE TOOLBOX**
171, The Strand, Gżira GZR03
Tel/Fax: (356) 21 312435
Suppliers of:
- Cutman Hand Tools
- Kumas
- Cordless Drills
- Proma Abbrasives




Specializing in all kinds of Tools and Machinery

**LAUNDRY SERVICE**
*Coin operated Machines*
*Full Load Wash (Max 6kg) & Dry*
*We Provide Soap & conditioner*
*We also provide Drop Off & Pickup later service*
**Mob: 7949 1682**, 121, Ponsomby street, Gzira
Open from 9.00 till late




Cath's Home
*All your needs*
UNDER ONE ROOF
*Gżira Road, Gżira*
*E: caths@melita.com*
*Tel. 27453200*
*Mob. 77453200*

Ta' Linda Bar
121 Manoel deVilhena Str., Gzira GZR 1081



Tel: 21331 076 Mob: 7907 1965
Email: davie01uk@yahoo.com




*Il-festa t-tajba lil Gzirjani kollha*